**29 ta' Novembru, 1986**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Dott. Eddie Fenech Adami, Kap tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess Partit Nazzjonalista

*versus*

Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Onorevoli Prim Ministru

**Libertà ta' Assoċjazzjoni – Libertà ta' Espressjoni – *Meeting Pubbliku* – Persuna**

*Rikors fejn ġie allegat li rifjut ta' permess għaż-żamm ta' 'meeting' kien jilledi d-drittijiet ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni tar-rikorrenti. Il-Prim'Awla tal-Qorti Żivili laqgħet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Fil-kelma persuna, użata mill-Kostituzzjoni, hija inkluża wkoll enti morali. Partit politiku jgawdi d-dritt tal-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni.*

*Il-Qorti rriteniet ukoll li l-irtirar mill-pulizija tal-permess biex jinżamm 'meeting' kien lesiv tad-drittijiet fundamentali ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27

ta' Novembru, 1986, li bih Dottor Eddie Fenech Adami, Kap tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in *rappreżentanza* ta' l-istess Partit Nazzjonalista wara li ppremetta illi fit-22 ta' Novembru, 1986, huwa ta avviż skond il-liġi li l-Partit Nazzjonalista kien ser iżomm diversi *"meetings"* f'inħawi differenti ta' Malta, fosthom iż-Żejtun, nhar il-Ħadd 30 ta' Novembru, 1986, fit-3.00 p.m.; illi fil-25 ta' Novembru, 1986, huwa ġie mgħarraf mill-Pulizija illi ma kienx hemm oġġezzjoni għall-imsemmija *"meetings"* (Dok. A); illi b'riżultat ta' dan hu ta pubbliċità għall-*"mass meeting"* fiż-Żejtun fid-data msemmija; illi fis-26 ta' Novembru, 1986, l-Aġent Kummissarju Anthony Mifsud Tommasi, bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, għarrfu illi huwa kien qed jipprojbixxih illi jżomm f'xi ħin *"mass meetings"* pubbliċi nhar il-Ħadd, 30 ta' Novembru, 1986, fiż-Żejtun, fil-Kottonera u f'Raħal Ġdid kif avżat minnek (Dok. B); illi dan id-divjet ta' l-intimati jikkostitwixxi ksur tal-libertà fundamentali ta' l-għaqda u assoċjazzjoni (art. 43) u tal-libertà ta' espressjoni (art. 42) protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta billi l-ordni mhix raġonevolment rikjesta fl-interess ta' l-ordni pubbliku u mhux ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika; talab li dik il-Qorti tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 42 u 43 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fosthom li tiddikjara lill-intimati ħatja ta' ksur ta' l-istess disposizzjonijiet u tiddikjara l-ittra Dok. B nulla u bla ebda effett fil-liġi. Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Onorevoli Prim Ministru ppreżentata fit-28 ta' Novembru, 1986, li fiha qalu:

1. Illi l-artikoli 42 u 43 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

japplikaw biss għal persuni fiżiċi, fil-waqt li r-rikors fl-ismijiet premessi huwa magħmul biss minn partit politiku;

Mingħajr preġudizzju għall-premess;

2. Illi l-projbizzjoni *de quo* hija ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika, u hija ntiża biex tevita inċidenti b'konsegwnzi serji, u ġiet magħmula taħt il-provvedimenti ta' liġi li huwa meħtieġa raġonevolment fl-interess ta' l-ordni pubbliku, u għalhekk ma hijiex inkonsistenti ma' l-artikoli 42 u 43 tal-Kostituzzjoni;

3. Illi l-artikolu 19 ta' l-Ordinanza dwar il-*Meetings* Pubbliċi, invokat mill-esponenti, mhux qed jiġi impunjat f'dawn il-proċeduri u ma jistax jitqies bħala disposizzjoni li m'hijiex billi dik **id-disposizzjoni** ma tipprojbixxix li jsir *meetings* jew dimostrazzjonijiet **f'xi post partikolari** jew **f'aktar minn post wieħed partikolari;**

4. Illi l-projbizzjoni *de quo* ma tirrigwardax lill-Onorevoli Dottor Eddie Fenech Adami personalment peress, li mhux huwa iżda l-Partit Nazzjonalista talab li jagħmel il-*"Mass Meeting" de quo,* u għalhekk huwa ma ġiex imfixkel milli jikkomunika idejat jew fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika;

Rat ir-risposta ulterjuri tat-28 ta' Novembru, 1986 illi fil-waqt illi żamm impreġudikat id-dritt tagħhom illi jappellaw mid-digriet li permezz tiegħu ġie korrett ir-rikors, huma jagħmlu referenza għall-argumenti rriportati fir-risposta oriġinali tagħhom b'risposta għar-rikors kif korrett, u senjatament għal dak irriportat fil-paragrafu (4) tar-risposta oriġinali;

Rat l-atti kollha tal-kawża u partikolarment il-verbal tat-28 ta' Novembru, 1986, li minnu jidher illi l-partijiet qablu dwar il-fatti kontenuti fl-ewwel erba' paragrafi tar-rikors u li però l-pubbliċità għall-*mass meeting* fiż-Żejtun saret fis-26 ta' Novembru, 1986;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Novembru, 1986, li biha ddeċidiet il-kawża billi:

1. Ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati;

2. Iddikjarat li l-ittra mibgħuta lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija fis-26 ta' Novembru, 1986, lis-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista fuq imsemmija nulla u bla effett billi tikser id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 42 u 43 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk tqiegħed lir-rikorrent fl-istat li kien fih qabel ma l-istess ittra nkitbet; u

3. Ordnat li dika s-sentenza jkollha esekuzzjoni immedjata u dan wara li kkunsidrat testwalment dan kollu li ġej:

"Illi l-fatti li taw lok għall-kawża preżenti huma dawn li ġejjin:

"Fit-22 ta' Novembru, 1986, l-Avukat Louis Galea Segretarju tal-Partit Nazzjonalista ta avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija illi l-partit tiegħu kien sejjer iżomm *mass meeting* fit-30 ta' Novembru, 1986, f'wieħed mill-ibliet u rħula ta' Malta u Għawdex imniżżlin fil-lista minnu mibgħuta; issemmew wieħed u erbgħin post fejn *il-meeting* seta' jsir";

"Talba ta' din ix-xorta ssir mill-partiti politiċi bħala prattika

konswetudinarja'';

''Il-*Malta Labour Party* ta avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar *mass meeting* li kien propost li jinżamm Ħaż-Żebbuġ fil-ġurnata msemmija'';

''Għalhekk u peress illi ż-żewġ avviżi kienu jinkludu l-Ħaż-Żebbuġ, ittellgħet il-polza u messet ix-xorti lill-Partit Nazzjonalista li jżomm il-*meeting* f'Ħaż-Żebbuġ'';

''Wara dana d-*Deputy Commissioner of Police* kkomunika mas-Segretarju tal-Parit Nazzjonalista biex jara jekk il-partit tiegħu kienx lest li jħalli l-*Malta Labour Party* iżomm il-*meeting* f'Ħaż-Żebbuġ u wara kommunikazzjoni mal-kap tal-partit Nazzjonalista dan fil-25 ta' Novembru, 1986, aċċetta li l-*meeting* f'Ħaż-Żebbuġ isir mill-*Malta Labour Party'';*

Fil-25 ta' Novembru, 1986, ġie deċiż mill-Partit Nazzjonalista li l-*mass meeting* tat-30 ta' Novembru, 1986, isir iż-Żejtun'';

''Dak in-nhar stess l-intimat Kummissarju tal-Pulizija b'ittra nforma lis-Segretarju tal-Partit Nazzjonalista illi ma kienx hemm oġġezzjoni għall-*meeting* avżat fil-postijiet imsemmija fil-lista annessa ma' l-istess ittra, minn liema lista ġie mħassar ir-Raħal ta' Ħaż-Żebbuġ'';

''Fis-26 ta' Novembru, 1986, beda għall-ewwel darba jitħabbar fil-gazzetti illi l-Partit Nazzjonalista kien sejjer iżomm *mass meeting* fiż-Żejtun'';

''F'din l-istess ġurnata l-Aġent Kummissarju tal-Pulizija

bagħat ittra oħra lis-Segretarju tal-Partit Nazzjonalista li kienet tgħid:

"Sinjur,

Nagħmel riferenza għall-ittra tiegħu M/285/86 tal-25 ta' Novembru, 1986, u ninfurmawk illi bis-saħħa mogħtija lili bl-artikolu 19 ta' l-Ordinanza dwar il-*meetings* Pubblici Kap. 108 Liġijiet ta' Malta u setgħat oħra taħt il-liġi qed jipprojbixxi li inti u/jew il-Partit tiegħek iżżommu f'xi ħin *mass meetings* pubbliċi nhar il-Ħadd, 30 ta' Novembru, 1986, fiż-Żejtun, fil-Kottonera u f'Raħal Ġdid kif avżati minnek";

Fis-27 ta' Novembru, 1986, ħarġet *press release* mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni li biha ġie mxandar li l-Kummissarju tal-Pulizija kien ħassar il-*mass meeting* taż-Żejtun, il-*press release* ma semmiet xejn dwar il-projbizzjoni li kienet tolqot ukoll il-Kottonera u Raħal Ġdid";

"Meta l-Aġent Kummissarju tal-Pulizija Anthony Mifsud Tommasi ra dana l-avviż huwa beda jqis l-implikazzjonijiet kollha li ż-żamma tal-*meeting* fiż-Żejtun setgħet iġġib. Difatti huwa xehed kif ġej:

"Dan l-avviż jiena qistu bħala stat ta' fatt eċċezzjonali. Ħsibt ħafna dwaru u mill-elf disa' mija wieħed u sebgħin 'l hawn jien ċert li qatt ma sar "*mass meeting*" tal-Partit Nazzjonalista fiż-Żejtun u jidhirli li lanqas qabel ma kien sar però fuq dana m'iniex ċert. Allura bdejt niżen is-sitwazzjoni, rajt li kien ser ikun hemm numru konsiderevoli ta' nies li rrid ngħid hawnhekk li inċidentalment jiena fid-doveri tiegħi ta' *Deputy Commissioner* nattendi għall-"*mass meetings*" kollha u kkunsidrajt l-

entużjażmu li jista' jiġi manifestat f'okkażjonijiet bħal dawn'';

''Il-lokal partikolari taż-Żejtun stajt nanticipa bħala stat ta' fatt illi kien se jkolli folla oħra numeruża illi fil-waqt illi folla jkun tkun qed tapprova minn ċertu affarijiet, folla oħra trid tiddiżapprova minnhom, waħda ċċapċap u l-oħra tibbuwja. F'dawn iċ-ċirkostanzi jiena nara li jkun hemm *''area''* li tissegrega adegwatament iż-żewġ mases ta' folla ta' nies. Però aktar ma ħsibt fuq is-sitwazzjoni aktar ikkonvinċejt ruħi li dak li qed jaħseb li seta' jiġri, illi anke bl-aqwa interventi tal-pulizija ma kienx ser jirnexxielna li nwarrbu inċidenti serji li skond jien jistgħu jkunu ta' żewġ kwalitajiet, u ċjoè waħda t-tfigħ tal-ġebel li huwa diffiċli tikkontrollah, f'dan il-każ trid tissubixxi biss għax ma tkunx tista' tilħqu, u tnejn, illi jekk il-folla tkun numeruża jkollok *''clash''* fiżiku li jissuperak u fejn ikun hemm mozzjoni jkun hemm reazzjoni, b'konsegwenza ta' ferimenti u ksur ikrah tal-''*buon* ordni''. Allura kkonkludejt li d-dover primarju tiegħi kien illi nissalvagwardja l-ħajja u s-saħħa taċ-ċittadini u f'dan il-kuntest ħassejt li kelli nkellem lill-Ministru tiegħi'';

''Dak in-nhar stess, jiġifieri ngħid fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru, semagħni u ta approvazzjoni tiegħu biex jiena nkun nista' neżerċita l-poter li jagħtini l-artikolu 19 tal-Kapitolu 108 f'dan il-kuntest'';

''L-Onorevoli l-Prim Ministru xehed kif sejjer jingħad:

''Jiena tajt awtorità lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jipprojbixxi l-*Mass Meeting* li kien propost li jsir mill-Partit Nazzjonalista fit-30 ta' Novembru, fiż-Żejtun u estendejt din l-Awtorità għall-Kottonera u r-Raħal Ġdid. Ir-raġuni għaliex ħadt din id-deċiżjoni għaliex il-Pulizija, il-Kummissarju tal-

Pulizija, kien qalli li għandu rağunijiet fondati sabiex jaħseb *illi* fiż-Żejtun kien ser ikun hemm ksur ta' l-ordni pubbliku u li kien se jkun impossibbli għalih li l-pulizija *jipprevenu dan il-ksur ta'* l-ordni pubbliku u li huwa kien jaħseb li se jkun hemm konsegwenzi serji u inċidenti serjissimi. Meta jien issikkajtu biex jirrifletti jekk l-affarijiet kinux kif kien qiegħed jirrapportali huwa assigurani b'dan u jiena allura għidtlu li l-*"meeting"* għandu *jiġi pprojbit minkejja* l-fatt *illi* l-*"meeting" kien diġà ngħata l-*permess tiegħu, u dana għamiltu għaliex bejn l-ilment li jista' jkun hemm għar-rifjut u l-projbizzjoni tal-*"meeting"* u anke kontestazzjoni ġudizzjarja u l-konsegwenzi u l-inċidenti li setgħu jinqalgħu, li fosthom jistgħu jkunu l-prinċipju ta' inċidenti oħra fi ġranet sussegwenti, ħassejt li fl-interess tal-pajjiż u fl-interess ta' l-ordni pubbliku imma speċjalment biex nevita li jkun hemm korrimenti u danni fuq il-persuni kelli nieħu din id-deċiżjoni minkejja l-konsegwenzi kollha politiċi li stajt nipprevedi";

"Nista' ngħid ukoll li din id-deċiżjoni ħadtha mhux biss fuq dak li qalli l-Kummissarju imma wkoll fuq rapport li kont diġà irċevejt dwar it-tensjoni li kienet diġà qabdet numru ta' nies fiż-Żejtun ma' l-aħbar li kien imxandar li kien sejjer isir *"meeting"*;

"Ir-rikorrent l-Onorevoli Eddie Fenech Adami xehed ukoll illi sa fejn jaf huwa *mass meetings* tal-Partit Nazzjonalista fiż-Żejtun mill-1961 'l hawn ma kinux saru. Huwa semma wkoll diversi okkażjonijiet ta' *meetings* fl-inħawi oħra fejn ma kinux inqalgħu inċidenti ta' nkwiet. Semma li fl-1975 kien sar *meeting* il-Kalkara fejn ċertu Carabott kien saq għal fuq in-nies u fejn jgħid ix-xhud il-pulizija ma kkontrollawx is-sitwazzjoni. Ir-rikorrent żied jgħid li passi kriminali ma ttiħdux kontra din *il-persuna"*;

"L-Onorevoli Avukat Ugo Mifsud Bonnici xehed illi matul dina s-sena 1986 f'diversi *meetings* tal-Partit Nazzjonalista li saru l-Isla, Bormla, il-Kalkara, Ħaż-Żabbar, u Marsaxlokk u Wied il-Għajn ma nqalgħu ebda inċidenti ta' riljev u ma kien hemm la ġlied, la korrimenti u l-anqas tfigħ ta' ġebel;

"Mix-xieħda jirriżulta ukoll illi fis-27 ta' Novembru, 1986, daħlu d-Depot tliet *teleprinter messages* li oriġinaw mill-Għassa taż-Żejtun u li kienu jgħidu li għall-ħabta tat-8 p.m., l-Onorevoli Alex Cachia Zammit kien ġie aggredit minn persuni mhux magħrufa u li huwa sofra ġrieħi ta' natura ħafifa. Il-Messaġġi jsemmu wkoll li kien sar rapport illi għall-ħabta tad-9.30 p.m., kien hemm kommozjoni ħdejn il-każin tal-Partit Nazzjonalista u li saret xi ħsara fil-bibien tiegħu";

"Dawna huma fil-qosor il-fatti tal-kawża";

"Illi r-rikorrent qiegħed jilmenta illi d-divjet li jinżamm il-*mass meeting* mill-Partit Nazzjonalista jikkostitwixxi ksur tal-libertà fundamentali ta' għaqda u assoċjazzjoni u dik ta' espressjoni msemmijin fl-artikoli 43(1) u 42(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament";

"F'dawn id-disposizzjonijiet hemm ipprovdut kif ġej:

43(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika, jiġifieri, id-dritt tiegħu li jingħaqad paċifikament u liberament u jassoċja ma' persuni oħra u b'mod partikolari li jifforma jew jappartjeni lil *trade union* jew *unions* jew assoċjazzjonijiet oħra għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu;

42(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri, *ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà* tiegħu ta' espressjoni, magħduda libertà li jkollu fehmiet mingħajr indħil, libertà li jirċievi idejat u *tagħrif mingħajr* indħil, libertà li jikkomunika idejat u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni) u libertà minn indħil dwar il-korrispondenza tiegħu'';

''Dawna ż-żewġ drittijiet juru ruħhom b'mod l-iżjed enfatiku meta jinżamm xi *meeting* fil-pubbliku u għalhekk iċ-ċaħda li jinżamm il-*meeting* hija fiha nnifisha ċaħda tad-drittijiet, u tibqa' kkonsiderata li qiegħda tikser id-disposizzjonijiet imsemmija tal-Kostituzzjoni sakemm ma jiġix ippruvat illi hija ġiet magħmula (fost ħwejjeġ oħra);

1. Skond l-awtorità ta' xi liġi;

2. Safejn dik il-liġi tagħmel provvediment meħtieġ raġonevolment fl-interess ta' (fost oħrajn) ordni pubbliku, u;

3. Ħlief safejn dik iċ-ċaħda magħmula skond l-awtorità ta' dak il-provvediment ma tkunx murija li ma tkunx ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika'';

''Jekk jiġifieri, il-parti li għandha l-oneru tipprova illi ċ-ċaħda ta' tiksirx id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ma jirnexxilhiex *tikkonvinċi* lill-Qrati illi għandha l-attributi li għadhom kemm issemmew, il-Qorti, ikollha, ta' bil-fors tippronunċjaha bħala att li *jikser il-Kostituzzjoni*'';

"F'dan il-każ l-intimati jsostnu illi l-projbizzjoni li saret bl-ittra tas-26 ta' Novembru, 1986, għandha dawn l-attributi għaliex:

1. L-ordni ħarġet mill-Kummissarju tal-Pulizija l-awtorità kompetenti, wara li kellu l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-Pulizija (il-Prim Ministru), għar-raġunijiet ta' ordni pubbliku u, għaliex:

2. Ordni bħal din, fiċ-ċirkostanzi ravviżati minnhom hija ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika";

"Issa huwa minnu illi fl-artikolu 19(1) ta' l-Ordinanza dwar il-*Meetings* Pubbliċi (Kap. 108 tal-Liġijiet ta' Malta) l-Kummissarju tal-Pulizija, bl-approvazzjoni tal-Prim Minisru, għandu s-setgħa jipprojbixxi *meeting* pubbliku li tiegħu jkun ingħata avviż (kif sar f'dan il-każ skond l-art. 3 ta' l-istess liġi, purkè dana jsir għal raġunijiet ta' ordni pubbliku; però m'huwiex biżżejjed illi l-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll il-Prim Ministru, jkunu persważi, u ġenwinament hekk, illi fil-fatt hemm dawna r-raġunijiet ta' ordni pubbliku, jeħtieġ ukoll li jiġi ppruvat quddiem il-Qrati illi verament hemm dawn ir-raġunijiet. (Ara f'dan is-sens Pulizija *vs* G. Camilleri, Qorti Kostituzzjonali tal-Maestà r-Reġina, 23-4-1965 u Calleja *vs* Balzan, Qorti ta' l-Appell, 29-6-1976). M'huwiex biżżejjed li jkun hekk dak li mmotiva lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Onor. Prim Ministru li approva li tinħareġ il-projbizzjoni u ċjoè l-apprensjoni li jekk jitħalla li jsir il-*meeting* kien sejjer ikun hemm ksur ta' l-ordni pubbliku li jġib miegħu kkonsegwenzi serji u inċidenti serjissimi u li għalih il-Pulizija ma setgħux jipprevjenu, jeħtieġ ukoll li jiġu murija bil-provi illi dana l-perikolu ta' ksur ta' ordni pubbliku kien hemm, li l-perikolu kien imminenti u li ma jistax jiġi b'ebda

mod evitat. Jekk dina l-prova tiġi nieqsa, it-tneħħija tad-drittijiet u libertajiet fuq imsemmija ma tistax tiġi ppronunzjata bħala waħda li raġonevolment saret fl-interess ta' l-ordni pubbliku. U fil-fehma tal-Qorti r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem mill-Kummissarju tal-Pulizija ma jwasslux biex juru li kien hemm kawża suffiċjenti biex jiġi rtirat il-permess li jinżamm il-meeting'';

''Darba huwa hekk il-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol f'aspetti oħra tal-kostituzzjonalità ta' l-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija fuq imsemmi'';

''Il-Qorti, fil-ħin li żżomm quddiem għajnejha l-preokkupazzjoni ta' l-awtoritajiet ikkonċernati u x-xewqa tagħhom li jiġu skansati inċidenti serji f'pajjiżna, ma tistax tinsa li aħna nies li nuru tolleranza għal xulxin, ċivilizzati biżżejjed sabiex *nsiżguraw li ħaddieħor għandu jkun liberu li jiltaqa'* u jitkellem avvolja dak li jista' jingħad ma jkun jinżel xejn għal widnejna, u min-naħa l-oħra *niżguraw* ukoll li fil-laqgħat tagħna pubbliċi jew privati, x'ikunu, jitħallew mhux mittiefsa d-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor. Jekk hemm xi biża' li jkun hemm xi wħud li jimminaċċaw dawna d-drittijiet u libertajiet li m'humiex biss drittijiet u libertajiet affermati fil-karta tal-Kostituzzjoni, imma jeżistu qabel kollox fl-essenza stess tal-bniedem, ikun id-dmir ta' l-awtorità responsabbli għaż-żamma tas-sigurtà pubblika u ta' l-ordni pubbliku, li tara li l-minaċċja tiġi mxejna bl-użu tal-mezzi kollha disponibbli għaliha, *imma* qatt billi xxejjen l-istess drittijiet u libertajiet li jkun hekk illegalment minaċċati'';

''Dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati illi l-Qrati tagħna ġà kellhom opportunità jippronunzjaw ruħhom almenu f'żewġ

okkażjonijiet oħra fis-sens li l-art. 42 u 43 tal-Kostituzzjoni ma japplikawx biss għal persuni fiżiċi, (ara kontra *Church of Scientology vs United Kingdom*, deċ. 17-12-68 li ma ġietx segwita u li kienet ikkritikata minn diversi awturi). Dina l-Qorti ma tarax għaliex għandha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet ġà milħuqa u għalhekk il-Qorti m'għandhiex takkolji l-istess eċċezzjoni'';

''Ikkunsidrat dwar ir-raba' eċċezzjoni ta' l-intimati illi fl-avviż mogħti taħt l-art. 3 ta' l-Ordinanza dwar il-*Meetings* Pubbliċi ngħata sabiex fil-*meeting* jitkellmu l-mexxejja tal-Partit fosthom ir-rikorrent li tiegħu huwa Kap u għalhekk il-projbizzjoni tal-*meeting* fuq imsemmija tolqot ukoll direttament lilu'';

''L-eċċezzjoni għalhekk għandha tiġi miċħuda'';

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u ta' l-Onorevoli Prim Ministru li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti qabel xejn tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġie ordnat illi dik is-sentenza jkollha esekuzzjoni immedjata u wara tgħaddi biex tirrevoka l-kumplament ta' l-istess sentenza billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati appellanti u tiċħad it-talbiet kollha ta' l-appellati, inkluża dik fejn intalbet il-korrezzjoni tar-rikors oriġinali, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' Dottor Eddie Fenech Adami *proprio et nomine* li permezz tagħha ssottometta illi l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza kkonfermata u dan mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni jekk l-appell ġiex ippreżentat fit-terminu;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-Appell;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li għalkemm fir-risposta ta' l-appell jingħad "mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni jekk l-appell ġiex ippreżentat fit-terminu" fil-fatt fit-trattazzjoni ta' l-appell ma saru ebda sottomissjonijiet f'dan ir-rigward u ma sar ebda aċċenn *fis-sens li* l-appell seta' kien tardiv, ħaġa li wara kollox lanqas tirriżulta mill-atti;

L-appellanti jibdew biex jappellaw mid-digriet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li bih wara talba *"ad hoc"* "seduta *stante*" *tar*-rikorrent awtorizzat korrezzjoni fir-rikors promotorju *tal-ġudizzju*;

Ir-rikorrent kien talab li fir-rikors promotorju tal-ġudizzju ssir korrezzjoni fis-sens illi l-kelma *"nomine"* kull fejn tirrikorri tiġi sostitwita bil-kliem "fil-kwalitajiet tiegħu premessa";

Dr. A. Borg Barthet għall-intimati oppona ruħu għal din il-korrezzjoni mitluba għax sostna li fil-fatt tiġi qed tbiddel is-sentenza tal-proċeduri u mhux tikkoreġihom;

L-ewwel Qorti bid-digriet in eżami laqgħet it-talba u ordnat in-notifika immedjata tar-rikors kif emendat u tat lill-intimati żmien ħmistax (15)-il minuta biex ikunu jistgħu jirrispondu jekk *hemm lok għar-rikors kif emendat;*

L-appellanti qegħdin isostnu illi l-ewwel Qorti ma kinitx

korretta meta awtorizzat il-korrerzzjoni tar-rikors b'mod illi dak li sar minn persuna waħda, u ċjoè Dottor Eddie Fenech Adami *nomine,* bil-korrezzjoni sar daqs li kieku kien magħmul minn żewġ persuni distinti u separati ċjoè Dottor Eddie Fenech Adami f'ismu proprju kif ukoll *nomine.* Din il-korrezzjoni, ċjoè skond l-appellanti, kellha l-effett li daħlet fil-kawża persuni kompletament estraneji għaliha, mhux bil-proċeduri normalment u legalment possibbli, ċjoè permess ta' sempliċi korrezzjoni. Il-korrezzjonijiet li jistgħu jsiru skond il-liġi tagħna, ikomplu l-appellanti, m'humiex intiżi għal dan l-iskop u għalhekk il-persuna ta' l-appellat Dottor Eddie Fenech Adami kellha tinħareġ mill-kawża għax kompletament estraneja għar-rikors promotorju tal-ġudizzju;

Din il-Qorti, wara li ħasbet fuq is-sottomissjonijiet magħmula fir-rigward ta' din l-ewwel parti ta' l-appell hija tal-fehma illi dan l-aggravju huwa infondat fil-fatt u fid-dritt;

Infatti, jirriżulta bħala fatt illi qabel ma effettivament kienet ġiet il-kawża għas-smigħ quddiem l-ewwel Qorti r-rikors kien diġà f'isem Dottor Eddie Fenech Adami bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll għan-nom u in rappresentanza ta' l-istess partit. Infatti l-okkju tar-rikors promotorju kien u baqa';

"Dottor Eddie Fenech Adami Kap tal-Partit Nazzjonalista u in rappresentanza ta' l-istess Partit Nazzjonalista *vs* Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Onorevoli Prim Ministru" (sottolinear tal-Qorti);

Meta għalhekk, effettivament ġiet awtorizzata l-korrezzjoni tar-rikors billi flok il-kelma "*nomine*" jdaħlu l-kliem "fil-kwalitajiet tiegħu premessa" l-ewwel Qorti kienet merament

qiegħda tikkoreġi żball ovvju konsistenti filli r-rikors ġie pprezentat f'isem Dottor Fenech Adami *nomine* mentri mill-okkju hu ovvju li kien intenzjonat li jkun f'ismu bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista u inoltre għan-nom u in rappresentanza ta' l-istess Partit;

Minħabba dan din il-Qorti hija tal-fehma illi l-awtorizzazzjoni tal-korrezzjoni mitluba la biddlet fis-sostanza l-azzjoni u lanqas l-eċċezzjoni, għax essenzjalment kien evidenti mill-ewwel li l-kawża kienet ġiet promossa minn "Dottor Fenech Adami Kap tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappresentanza tal-Partit Nazzjonalista;

Din il-korrezzjoni għalhekk saret fit-termini ta' l-artikolu 175(1) tal-Kap. 15 li fost ħwejjeġ oħra jawtorizza l-korrezzjoni fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru;

Din il-parti ta' l-appell għalhekk mhix qed tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat:

L-appellanti appellaw ukoll minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet l-eċċezzjoni tagħhom illi d-drittijiet salvagwardati bl-artikoli 42 u 43 tal-Kostituzzjoni jappartjenu biss għal persuni fiżiċi;

F'dan ir-rigward il-Qorti tibda biex tirrileva li l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jibda bil-kliem, "Billi kull **persuna** f'Malta hija intitolata għad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-**individwu**....";

Il-kelma **persuna** hija definita fl-Att ta' l-1975 dwar l-

Interpretazzjoni fl-artikolu 4(d) fejn jingħad li "l-espressjoni "persuna" tinkludi għaqda jew korp ieħor ta' persuni, sew jekk dik l-għaqda jew dak il-korp ikunu persuna ġuridika jew jekk le", u dan dejjem kemm-il darba ma jkunx jidher ħsieb kuntrarju. Din id-definizzjoni tapplika wkoll għall-Kostituzzjoni skond it-termini ta' l-artikolu 126(14) tal-Kostituzzjoni;

It-terminu "persuna" għalhekk huwa evidenti iżjed ampju mit-terminu "individwu" u l-kliem imsemmi ta' l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni juri li l-leġislatur ried li jagħti lit-terminu ampju ta' "persuna" d-drittijiet li kienu qed jiġu mogħtija lill-individwu;

S'intendi hemm drittijiet li jattaljaw ma' persuna fiżika aktar milli ma' għaqda jew korp ta' persuni anzi li diffiċilment wieħed jista' jirrikonċiljahom mal-kunċett ta' għaqda jew korp ta' persuni u għalhekk il-kliem ta' l-imsemmi artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1975 "kemm-il darba ma jkunx jidher ħsieb kuntrarju". Id-drittijiet protetti bl-artikoli 42 u 43 tal-Kostituzzjoni jattaljaw ruħhom perfettament kemm għal persuni fiżiċi u kemm għal persuni morali. Mhux verosimili li qatt setgħet kienet l-intenzjoni ta' protezzjoni tal-libertà ta' espressjoni u ta' protezzjoni ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni lill-individwu jċaħħadhom lill-organizzazzjonijiet li jinħolqu apposta biex jiġu assikurati aħjar dawn id-drittijiet u protezzjonijiet;

Apparti minn dak li diġà ġie rrilevat b'riferenza għall-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni forsi l-aktar argument qawwi joħroġ mill-artikolu 43(3) li jgħid li għall-finijiet ta' dak l-istess artikolu "kull disposizzjoni f'xi liġi li tipprojbixxi li jsiru *meetings* jew dimostrazzjonijiet pubbliċi f'xi belt jew raħal partikolari għandha titqies li hi disposizzjoni li m'hijiex raġonevolment ġustifikabbli

f'soċjetà demokratika'';

Dina l-Qorti ma tifhimx bl-aktar mod assolut kif raġonevolment jista' jingħad li dan is-sub-artikolu jipproteġi d-dritt ta' individwu li jrid iżomm *meeting* jew dimostrazzjoni pubblika mentri din il-protezzjoni mhix estiża għal per eżempju, partit politiku jew *trade union*. Ma tifhimx ukoll kif jista' jiġi konċess li l-individwu għandu fit-terminu tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 42 id-dritt tal-protezzjoni tal-libertà ta' espressjoni konsistenti *inter alia* fid-dritt li jikkomunika idejat u tagħrif mingħajr indħil iżda partit politiku jew *trade union* m'għandhiex jew tista' tiġi mċaħħda minn dritt bħal dan;

Huwa evidenti għalhekk li l-artikolu 49 u 43 qegħdin jirriferixxu meta jużaw il-kelma ''Ħadd'' għal kull persuna kif interpretata mill-Att ta' l-1975 dwar l-Interpretazzjoni applikabbli għall-Kostituzzjoni;

Ikkunsidrat dwar il-mertu;

Kif jirriżulta mill-provi, fil-25 ta' Novembru, 1986, il-Kummissarju tal-Pulizija informa lill-Partit Nazzjonalista li ma kienx hemm oġġezzjoni għall-*meetings* imsemmija fil-postijiet indikati fil-lista annessa ma' l-avviż ta' l-istess Partit tat-22 ta' Novembru, 1986 (Dok. B). F'din il-lista kienu inklużi ż-Żejtun, Bormla, l-Isla, il-Birgu u Raħal Ġdid;

B'ittra oħra, però, tas-26 ta' Novembru, 1986, (Dok. A) l-Aġent Kummissarju tal-Pulizija informa lill-Partit Nazzjonalista li kien qiegħed jipprojbixxi li jinżammu *meetings* pubbliċi fit-30 ta' Novembru, 1986, fiż-Żejtun, fil-Kottonera u Raħal Ġdid, kif avżati minnu u dan fit-terminu ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 108;

Skond dan l-imsemmi artikolu l-Kummissarju tal-Pulizija jista' bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-Pulizija, għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, jipprojbixxi *meeting* pubbliku li tiegħu ikun ingħata avviż skond l-artikolu 3 ta' l-istess Kap. 108. Fil-każ in eżami, għalhekk, il-piż tal-prova dwar l-eżistenza ta' l-imsemmija raġunijiet ta' Ordni Pubbliku kien mixħut fuq min, wara li approva, irtira dik l-approvazzjoni tiegħu;

Hawnhekk għandu jiġi rrilevat mill-ewwel li mhux il-każ li r-rikorrent kellu fl-ewwel lok jipproċedi għad-dikjarazzjoni tan-nullità ta' l-imsemmi artikolu 19 tal-Kap. 108 kif qegħdin jippretendu l-intimati appellanti, billi dak li qed jiġi attakkat u li għalih qiegħed jintalab ir-rimedju Kostituzzjonali huwa l-aġir ta' l-intimati, li wara li ngħata l-kunsens opportun, dana ġie irtirat;

Il-Qorti tibda biex tgħid li ma jista' jkollha u fil-fatt ma għandha l-ebda dubju li l-intimati appellanti aġixxew *in perfetta buona fede* u tifhem il-preokkupazzjoni tagħhom kif spjegata fix-xiehda rispettiva ta' kull wieħed minnhom;

Mill-banda l-oħra, però l-Qorti hija marbuta bit-termini tal-Kostituzzjoni li tagħmel eċċezzjoni għad-drittijiet fundamentali ta' libertà ta' espressjoni u ta' għaqda u assoċjazzjoni – żewġ drittijiet li dwarhom din il-Qorti kif jidher mis-sentenza tagħha (diversament kostitwita b'ħames Imħallfin) tat-23 ta' April, 1965 fuq sottomissjoni ta' Dr. Anton Buttigieg li qablet magħha, qalet li "l-libertà ta' l-espressjoni tikkompenetra ruħha ma' l-oħra ta' l-assemblea" – f'każ ta' xi ħaġa magħmula taħt l-awtorità ta' xi liġi in kwantu dik il-liġi tagħmel provvediment raġonevolment meħtieġ, *inter alia,* fl-interess ta' l-ordni pubbliku, u li jkun raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà

demokratika;

Fil-każ in eżami l-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi prodotti u ma tistax tasal għal konklużjoni oħra ħlief dik li waslet għaliha l-ewwell Qorti meta qalet li "r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem mill-Kummissarju tal-Pulizija ma jwasslux biex juru li kien hemm kawża sufficjenti biex jiġi irtirat il-permess li jinżamm il-*meeting*";

Kif ġie rritenut fil-kawża *"Cox vs New Hamphsire (1941) 312 U.S. 569) "Civil liberties, as guaranteed by the Constitution, imply the existence of an organized society maintaining public order without which liberty itself would be lost in the excess of unrestrained abuses....."*;

Il-Qorti m'għandhiex dubju li s-soċjetà Maltija hija biżżejjed organizzata biex tassikura l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-membri tagħha billi timpedixxi l-abbużi ta' min illegalment jipprova joħroq dawk id-drittijiet;

Dwar ir-raba' eċċezzjoni ta' l-intimati huwa veru li l-avviż għall-*meeting* ma ġiex mogħti minn Dottor Eddie Fenech Adami u r-revoka tal-permess ma ġietx ikkommunikata lilu, iżda daqstant ieħor huwa veru li jekk din ir-revoka tilledi d-dritt tal-Partit li kien ser iżomm il-*meeting*, tilledi wkoll id-dritt ta' min kien ser jieħu parti fl-istess *meeting*, fosthom ir-rikorrent Kap tal-Partit li kif jidher mid-deposizzjoni tiegħu kien se jitkellem fil-*meeting*;

Fl-aħħarnett peress li din il-Qorti sejra tikkonferma s-sentenza appellata m'hemmx lok li tiġi kkunsidrata t-talba ta' l-appellat għar-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza li ordnat l-

esekuzzjoni immedjata ta' l-istess sentenza;

Għal dawn il-motivi għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.